MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1429/2002/1

**Avviz Numru 1429/02 AJD**
**UCIM Co. Limited**

**vs**

**Comm. Lifts & Ser. Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta’ Gunju, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ disa’ mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm968.00) rappresentanti import ta’ hdax il-kambjala, lkoll ta’ Lm88.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2001 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 11.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sat-28 ta’ Mejju 2002 jammontaw ghal Lm34.00, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2002 kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2002 deher Victor Camilleri in rappresentanza tas-socjeta' konvenuta u ammetta t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm968.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-22 ta' Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**